MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Numru 806/2011

Il-Pulizija
(Spetturi Joseph Mercieca)

vs

Joachina Lucchese
Marianne Degabriele

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta ta' identita' 387566M u 466259M rispettivament, akkuzati talli nhar il-11 ta' Gunju, 2011, ghall-habta ta' 00.15a.m., u/jew fil-jiem u/jew gimghat u/jew xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. mill-fond numru. 24, Dormar, Triq in-Nazzarenu, Paola ikkommettew serq ta’ Quickcash card, liema serq hu aggravat bil-persuna u bil-lok, liema serqa saret ghad-detriment ta’ Lewis Portelli u/jew ta’ persuna/i ohra u/jew xi entita’ u/jew entitajiet ohra;
2. bi hsara ta’ haddiehor, ghamlu qligh b’qerq ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro w erbgha w disghin centezmu (€232.94), izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta’ Lewis Portelli u/jew ta’ persuna/i u/jew xi entita’ u/jew entitajiet ohra;

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputati jirregistraw ammissjoni fl-liema huma baqghu jinsistu anka wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputazzjoni tirrigwarda s-serq ta’ flus bi hsara ta’ terz fil-waqt li gie sottratt lilu ‘Quickcash card’.

Ghal dan l-imputati rregistraw ammissjoni li hi kemm volontarja u kemm inkondizjonata.

Issib l-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.

Rat l-Artikolu 261(c), 279(b), 308, 310(1)(b) u 17(h) tal-Kap 9. Tiddeciedi li tikkundannahom sena prigunerija sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9. Tapplika wkoll l-Artikolu 24 tal-Kap 446 billi tikkundanna l-imputati li flimkien jhallsu lid-derubat is-somma ta’ €700 zmien mhux oltre sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------